MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' April, 2016

Rikors Maħluf Numru: 297/15 LM

**Saviour Zammit (ID 867447M) u Alfred Zammit (ID 507130M)**

**vs.**

**Joseph Cutajar (ID 349045M), Anton Cutajar (ID 476076M)**
**u martu Elizabeth Cutajar (ID 265975M)**

**u**

**Clive Saliba (ID 611461M) bħala mandatatarju**
**tal-avukat Dottor Ronald Conti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi **Saviour Zammit** u **Alfred Zammit** (min issa 'l quddiem "l-atturi") ippreżentat fil-5 ta' Ġunju, 2015[1], li permezz tiegħu l-imsemmija atturi talbu (i) l-isfilz tar-Risposta Maħlufa ta' Clive Saliba ppreżentata fl-atti ta' din il-kawża u (ii) l-ħatra ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredità tal-konvenut defunt avukat Dottor Ronald Conti, wara li ssottomettew li:

*"Il-konvenut fil-kawża huwa Dottor Ronald Conti u mhux Clive Saliba f'ismu proprju u għaldaqstant Clive Saliba qatt ma seta' jippreżenta risposta f'din il-kawża f'ismu proprju u dana stante illi l-kawża odjerna ma ġietx intavolata kontra Clive Saliba fil-kapaċità tiegħu personali, u inoltre, bil-mewt tal-mandant tiegħu, hu ma baqax il-mandatarju ta' Dottor Ronald Conti;*

*Illi semai, Clive Saliba kellu jippreżenta nota fl-atti fejn indika illi mhuwiex il-mandatarju tal-konvenut Dottor Ronald Conti".*

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-risposta tiegħu ppreżentata fl-4 ta' Marzu, 2016[2] **Clive Saliba** oppona għal din it-talba tal-atturi:

*"Billi ma kellux għażla għajr li jippreżenta r-risposta għax altrimenti kien jaqa' kontumaċi. Tkun inġustizzja jekk ir-risposta maħlufa tiegħu tiġi sfilzata. F'ismu proprju kellu kull interess jippreżenta t-tweġiba ġuramentata billi kien b'dan il-mod biss li seta' jġib a konjizzjoni tal-*

[1] A fol. 82 sa 83 tal-proċess.
[2] A fol. 90 tal-proċess.

*qorti li huwa kellu biss prokura speċjali biex jidher fuq il-kuntratt. L-isfilz ikun ifisser li ma jkunx jista' jirreklama l-ispejjeż li għamel biex ippreżenta r-risposta maħlufa."*

**Clive Saliba** temm jissottometti:

*"illi jekk l-atturi jidhrilhom li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, għandhom iċedu l-atti fil-konfront tiegħu u jħallsu l-ispejjeż. Kull mod ieħor li permezz tiegħu l-atturi jittentaw jilliberaw lill-esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju f'din il-kawża, jew li permezz tiegħu jipprovaw inessu l-fatt illi l-esponent ġie mħarrek inutilment huwa serjament preġudizzjali u lesiv għall-esponenti. Fl-aħħar nett huwa rrimetta ruħu dwar it-talba tal-atturi għall-ħatra ta' kuraturi."*

Illi bħala retroxena għal dan ir-rikors għandu jingħad illi fir-Rikors Maħluf, ippreżentat fis-27 ta' Marzu, 2015, ġie mħarrek bħala konvenut, flimkien ma' konvenuti oħrajn 'Clive Saliba bħala mandatarju tal-avukat Dottor Ronald Conti'. **Clive Saliba, f'ismu proprju**, ippreżenta Risposta Maħlufa fil-5 ta' Mejju, 2015[3] li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. *l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla in quanto diretta kontra l-esponenti 'bħala mandatarju tal-Avukat Dottor Ronald Conti' stante li l-avukat Dottor Ronald Conti miet fil-5 ta' Frar, 2015 u għalhekk skont il-liġi, kwalunkwe mandat mogħti minnu lill-esponenti spiċċa mal-mewt tiegħu;*

2. *l-istess azzjoni quanto diretta kontra l-esponenti hija irrita u nulla wkoll għaliex meta l-esponenti deher fuq il-kuntratt tas-27 ta' Awwissu, 2003 in atti Nutar Anthony Spiteri Debono dan għamlu*

[3] A fol. 40 tal-proċess.

*bis-saħħa ta' mandat speċifiku għal dak l-iskop…. u għalhekk f'kull każ qatt ma seta' jirrappreżenta lil Dottor Conti fi proċeduri ġudizzjarji;*

3. *għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.*

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi bil-mewt tintemm il-ħajja umana u magħha l-kapaċità ġuridika tal-persuna. Għalkemm m'hemmx norma leġiżlattiva espressa f'dan is-sens, huwa prinċipju magħruf li l-mewt teskludi għalkollox il-kapaċità tas-suġġett tad-dritt li jġorr miegħu drittijiet u obbligi. L-interessi li l-mejjet kellu meta kien ħaj jifdallhom rilevanza soċjali jekk suġġetti oħrajn jistgħu jakkwistawhom. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-interessi ekonomiċi, l-istitut tas-suċċessjoni huwa maħsub biex jittrasmetti f'isem il-werrieta u l-legatarji d-drittijiet patrimonjali li kellu l-mejjet u li jsiru drittijiet tas-suċċessuri tiegħu.

Illi minħabba t-tmiem tal-kapaċità ġuridika, meta tmut parti f'kawża li tkun diġà miexja, bħala prinċipju sseħħ l-interruzzjoni tal-proċediment sakemm issir it-trasfużjoni f'isem il-werrieta tiegħu jew kuraturi biex jirrappreżentaw il-wirt battal (l-Artikoli 806, 807 tal-Kap 12). B'danakollu, sa minn kmieni fis-seklu li għadda, dan il-prinċipju ġie ttemperat mill-ġurisprudenza tagħna:

> "Huwa paċifiku illi l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża mhix konkluża jopera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju, bil-konsegwenza tan-nullità tal-atti li jsiru fil-perijodu interruttiv (Vol XLVIII pII p858). Għal kull buon fini tajjeb li jingħad ukoll illi dan il-prinċipju mhux assolut meta l-kawża tkun waslet fl-istat li tkun tista' tiġi ġudikata. "Il momento in cui la lite si trova in istato di essere giudicata, e in cui quindi cessa di esservi pregiudizio o pericolo di danno o disparità di condizione per la parte cui l'evento interruttivo riguarda, è quello nel quale finita la discussione si differisce per deliberare e redigere la sentenza" (**Vincenza Serra vs. Riccardo Serra**, Appell Ċivili, 10 ta' Gunju, 1925 a Vol XXVI pI p176).[4]

Illi permezz ta' emenda fis-sena 2012, il-leġiżlatur ħaseb biex ikompli jrattab il-konsegwenzi ta' mewt *pendente lite* bl-introduzzjoni tal-Artikolu 810B tal-Kap 12:

> *"Meta, fi żmien sitt xhur mill-mewt pendente lite ta' xi parti f'kawża, ma jkun sar ebda rikors minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minflok il-mejjet, jew fejn matul dan iż-żmien ebda rikors ma jkun ġie intavolat minn xi parti fil-kawża sabiex jintalab li l-kawża tkompli ssir f'isem l-eredi preżunt jew preżunti tal-mejjet, il-kawża għandha tkompli f'isem il-mejjet u kwalunkwe sentenza li tingħata f'tali kawża tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet:*
>
> *Iżda minkejja li jkun għadda l-perijodu ta' sitt xhur stipulat f'dan l-artikolu, kwalunkwe persuna interessata li għaliha jirreferi l-artikolu 807 kif ukoll il-parti l-oħra fil-kawża tista', sa dak iż-żmien li l-kawża tiġi differita għas-sentenza jew wara s-sentenza fil-każ li l-persuna jew il-parti msemmija tippreżenta rikors tal-appell, tutilizza d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 806 u 807 rispettivament:*
>
> *Iżda wkoll ebda sentenza mogħtija fir-rigward ta' parti mejta m'għandha titqies bħala nulla jew difettuża minħabba l-fatt biss li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi f'dan l-artikolu ma jkunx laħaq għadda sal-mument meta l-kawża tmur għas-sentenza."*

---

[4] **Ivan Borg pro et noe vs. George Aquilina et** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)(PS)

Illi b'danakollu, il-prinċipju tan-nuqqas ta' kapaċità ġuridika jibqa' japplika fejn ma jkunx hemm deroga għalih. B'mod partikolari jekk, bħalma ġara fil-każ preżenti, tiġi ppreżentata kawża kontra persuna mejta. Ma jidher li hemm xejn fil-kodiċi tal-proċedura dwar il-konsegwenzi ta' eventwalità bħal din. Fid-dottrina u ġurisprudenza Taljani, kawża kontra persuna diġà mejta ma teżistix:

> "La notificazione della citazione introdutiva del giudizio di primo grado effettuata ad una persona già deceduta deve considerarsi giuridicamente inesistente e rispetto ad essa non può trovare applicazione il principio in cui invece si considera validamente effettuata la notificazione alla parte deceduta dopo la publicazione della sentenza, qualora la controparte abbia ignorato senza colpa il decesso, poichè esso trova giustificazione solo in ambito endroprocessuale, essendo ispirato al fine di contemperare e coordinare, nella fase successiva all'emanazione della sentenza che conclude la fase processuale per cui la costituzione spiega effetto – il sistema dell'automatica operatività degli eventi interruttivi, concernenti la parte costituita a mezzo di difensore, con la garanzia costituzionale del diritto di difesa di detta controparte, la quale esclude che quegli eventi possano pregiudicare la parte incolpevolmente ignara (01/11688)".

Illi għar-raġunijiet suesposti, ma hemmx dubbju, u lanqas huwa kkontestat, li r-rikors ġuramentat inħareġ, apparti kontra konvenuti oħrajn ħajjin, kontra Dr Ronald Conti li kien diġà deċedut, u li fil-konfront tiegħu r-rikors ġuramentat kien, fil-konfront tiegħu, irritwali. Lanqas huwa kkontestat li dan kien żball tal-atturi, anki jekk żball li jista' jkun skużabbli billi preżumibilment ma kinux jafu bil-mewt tiegħu ftit ġimgħat qabel.

Huwa paċifiku wkoll illi Clive Saliba ma ġiex imħarrek personalment imma fil-kapaċità tiegħu ta' prokuratur tal-avukat Conti. L-atturi qegħdin jargumentaw li, ġaladarba hu hekk il-każ, ma seta' qatt wieġeb fil-kapaċità

personali tiegħu, għax huwa ma ġiex imħarrek f'din il-kapaċità. Għall-Qorti, bir-rispett kollu lejn l-atturi, dan huwa argument ċirkuwitu u sofista għall-aħħar. Il-konvenut huwa Clive Saliba, u mhux l-avukat Conti, anke jekk Clive Saliba ġie msejjaħ bħala prokuratur tal-avukat Conti. Anke fil-prattika forensi, jingħad li l-konvenut huwa, f'dan il-każ, "Clive Saliba nomine".

Ġaladarba Clive Saliba ġie mdaħħal fil-ġudizzju, huwa kellu kull dritt jiddefendi ruħu billi jwieġeb għat-talbiet tal-atturi. F'dan il-każ wieġeb li l-avukat Conti ħalliena għal ħajja aħjar u għalhekk ma setax jiġi mħarrek bħala prokuratur tiegħu; u li anke kieku l-avukat baqa' ħaj, ma setax jiġi mħarrek għas-sempliċi raġuni li ma kienx prokuratur tiegħu awtorizzat jirrapreżentah fil-kawżi imma sempliċiment prokuratur inkarigat biss biex jidher għan-nom tiegħu fuq kuntratt partikolari.

Ġaladarba Clive Saliba ġie msejjaħ bħala konvenut, kellu d-dritt iwieġeb bħala tali anke jekk biex jgħid li ġie mħarrek ħażin. Mhux biżżejjed, kif isostnu l-atturi, li Saliba jippreżenta nota fir-Reġistru biex jirreġistra l-fatt tal-mewt tal-avukat Conti, għax dan mhuwiex il-mod kif wieħed jilqa' għal domandi magħmulin b'rikors maħluf. Clive Saliba huwa perfettament intitolat jidher fil-ġudizzju u jiddefendi ruħu, anke jekk dan ma jfissirx bilfors li l-eċċezzjonijiet tiegħu jiġu milqugħa.

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda:**

**1. tiċħad it-talba għall-isfilz tar-Risposta Maħlufa ta' Clive Saliba;**

**2. tillibera lil Clive Saliba mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**3. tilqa' t-talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità tal-konvenut Avukat Dottor Ronald Conti u biex dawn jiddaħħlu fil-kawża minflok il-konvenut Clive Saliba bħala mandatarju tal-avukat Dottor Ronald Conti.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-atturi.**

Moqri

--------------------TMIEM---------------------